MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 241/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joe Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joe Grima talli fil-15 ta’ Awissu 2005 ghall-habta tal-11.00 hrs fi Triq Garabaldi, L/O Luqa:-

1) Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-seat belt;

2) Saq il-vettura msemmija minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);

3) Ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Joe Grima jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Gunju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joe Grima hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-Avviz Legali 252/2003, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-artikolu [*recte:* regolament] 14 ta’ l-Avviz Legali 476/2004, u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa fl-ammont ta’ Lm1,000 (elf liri maltin) u ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ta’ l-appellant (allura imputat) ghal zmien tliet (3) xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Joe Grima pprezentat fil-5 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fil-qosor illi ghalkemm huwa minnu li kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni fil-gurnata in kwistjoni, huwa licenzjat bhala *car dealer* u bhala tali ghandu *trial run plates* li permezz taghhom kien kopert b’assigurazzjoni. Il-karrozza in kwistjoni kellha dawn il-*plates* ghalkemm ma kinux jidhru ma’ l-ewwel daqqa t’ghajn.

Meta din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata, pero`, sabet illi ghalkemm l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed

issib htija dwar l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellant, ma ccitatx ir-regolament li tahtu kienet qed issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni. Hija ghamlet referenza ghall-Avviz Legali 252/2003 biss minghajr ma ccitat ir-regolament li jipprovdi ghar-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

Din il-kwistjoni timpingi fuq il-validita` o meno tas-sentenza appellata, u tista' titqajjem minn din il-Qorti *ex officio*.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Kif diga` osservat, ghalkemm jidher illi l-ewwel Qorti kienet qed issib htija dwar l-imputazzjonijiet kollha, naqset milli tirreferi ghall-artikolu tal-ligi, ossia f'dan il-kaz regolament, li jipprovdi ghar-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni. Dan trid taghmlu *ad validitatem* anke kkunsidrat il-fatt illi l-Avviz Legali 252/2003 jikkontjeni sbatax-il regolament.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta' sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza mill-gdid skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellant fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata l-istess sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------